nqogħdu Ħal
Blat, fejn aktarx konna nispiċċaw meta konna
Tarxien, illum spiċċajna Pjazza Barberini. U qabel tlaqna lil
xulxin għall-ikel ftehemna li wara nofs in-nhar nerġgħu niltaq-
għu u mmorru għand Ettore Rossi.

Ettore Rossi kien Professur tat-Tork fl-Università ta' Ruma.
Malta hemm min jafu sewwa għax daqs għoxrin sena ilu kien
rebaħ *borsa di studio* u dam żmien ifittex fl-Arkivju tal-Ordni fil-
Bibljoteka — tiftix li wasslu biex kiteb ħafna studji interessanti
fuq Malta, fosthom l-istorja tal-flotta tal-Ordni. Żmien ilu wkoll
kien kiteb fil-*Malta Letterarja* x'qalu l-kittieba Torok fuq l-As-
sedju l-Kbir. Billi barra t-Tork kien jaf tajjeb l-Għarbi, kien in-
teressa ruħu fil-Malti u fil-għanja Maltija tal-Għarusa tal-Mosta.
Jiena kont sirt nafu bil-kitba b'mezz tal-ħabib tiegħi u tiegħu
— is-Sur Nin Cremona — u Dun Karm Sant kien iltaqa' miegħu
kemm dam Ruma. Morna għandu u laqagħna: raġel fabbli,
qsajjar, bin-nuċċali, qorob is-sittin. Feraħ bina u tħadditna ħaf-
na fuq Malta u fuq il-lsien Malti. Semmielna r-rivista Spanjola
*Al-Andalus*, mixħuta l-iktar fuq l-istudju tal-Għarbi, u qal li
llum imissu jkun hawn studju iktar tal-Għarbi għax issa Islam
reġa' ġie f'tiegħu, bl-Eġittu indipendenti, is-Sirja u l-Lebanon
meħlusa; il-Libja ftit snin oħra tieħu l-indipendenza, u l-Ma-
rokk, it-Tuniżija u l-Alġerija jitkellmu kulħadd. U Malta fin-
nofs. Studju meħtieġ, qalilna, x'ilsien kienu jitkellmu Malta qa-
bel ġew l-Għarab: s'issa hawn tliet teoriji — li l-Maltin kienu
jitkellmu l-Grieg, li kienu jitħaddu l-*Basso Latino* u li kienu
jitħaddtu lsien semitiku ieħor li mbagħad inxtorob mill-Għarbi.
Das-suġġett, żied igħidilna, imissu jkun teżi ta' studju għal xi
studjuż Malti.

Qalilna, fost ħwejjeġ oħra, li dwar id-dokument tar-rapport
ta' l-Abbati Giliberto fuq Malta fl-1240 hemm kwistjoni jekk Wil-
kelman, li ippubblikah l-ewwel wieħed, kienx qrah sewwa fejn
igħid fuq Malta. Dan id-dokument kien miġjub mill-Mons. A.
Mifsud fir-ririvista *La Diocesi* u, wara żmien, mir-Rev. A. Des-
soulavy fil-*Journal of the University of Malta Literary Society*,
bla ma kien jaf li diġà deher hawn Malta.

Qabel tlaqna, Ettore Rossi qalilna li issa ilu s-snin ma jik-
teb fuq Malta, għax imħabbat b'xogħol ieħor. Imma jixtieq
jara studji serji, li jistgħu jsiru minn Maltin aħjar milli minn



barranin, fuq it-toponomastika, jiġifieri l-ismijiet f'Malta u Għawdex, kif ukoll fuq l-ewwel Dutrina bil-Malti li dehret f'Ruma fl-1752 u fuq l-Iskola tal-Għarbi f'Malta, li għad hawn min jiftakarha daqs ħamsin sena ilu, qabel ma dawru l-flus imħollija għaliha għal ħaġ'oħra*.

U hekk ħriġna minn għand Rossi b'moħħna jhewden fuq kemm xogħol għad hawn x'isir fil-għalqa tal-istudji Maltin, u kif barranin jieħdu dan l-interess kollu u aħna qajla nagħtu kas ta' dawn l-affarijiet.

## LIL MISS . . .

### *Ta'* ĠUŻI ABELA

Morru.
    Għidulha bdilt fehmti
    Għidulha ksirt kelmti.
U raġel minix.
Morru.
    Għidulha tinsini.
    Għidulha tħallini
U tgħid ma tafnix.
Morru.
    Għidulha "miskina"!
    Għidulha "ħanina"!
Farrġuha b'dal-vers.
Morru.
    Għidulha ttradejtha.
    Għidulha li nsejtha.
Lil Miss Univers.

* Minn dak iż-żmien imsemmi hawnhekk mill-kittieb fuq iż-żjara tiegħu lil Dr. E .Rosso f'Ruma, deher studju storiku dettaljat ta' A. Cremona fuq l-Iskola tal-Għarbi f'Malta fir-Rivista *Melita Historica* (Vol. I, Nri. 2, 3 u 4) taħt l-isem "L'Antica Fondazione della Scuola di Lingua Araba in Malta".